

31971R0802

L 88/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

20.4.1971

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 802/71 TAL-KUMMISSJONI**tad-19 ta' April 1971****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 316/68 li jiffissa l-istandards ta' kwalità għall-fjuri maqtugħin friski u weraq frisk għat-tiżjin**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 234/68⁽¹⁾ tas-27 ta' Frar 1968 dwar twaqfif ta' organizzazzjoni komuni tas-suq fis-siġar ħajjin u pjanti oħrajn, basal tal-fjuri, għerug u u oġġetti bħalhom, fjuri maqtugħin u weraq ornamentali, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi t-Taqsima VI "Imballaġġ u Preżentazzjoni" ta' l-Anness I li jinsab mar-regolament (KEE) Nru 316/68⁽²⁾ tipprovdi li l-unità ta' preżentazzjoni trid tikkonsisti f'5, 10 jew multipli ta' 10 biċċiet minbarra fjuri normalment mibjugħin weħidhom jew dawk normalment mibjugħin bil-piż;

Billi l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma tippermettix lil-bejjiegħa tal-prodotti in kwistjoni li jissodisfaw fis-sħiħ ir-rekwiżiti ta' ċerti xerrejja li jixtiequ jkollhom unitajiet ta' preżentazzjoni għad-dispożizzjoni tagħhom; billi, għaldaqstant, l-istandards ta' kwalità għandhom ikunu aġġustati biex jingħata kont tar-rekwiżiti ġodda tan-negozju;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-Opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Pjanti Ħajjin,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. It-test li ġej għandu jiġi sostitwit għat-test tat-Taqsima VI A ta' l-Anness I li jinsab mar-regolament (KEE) Nru 316/68:

"Unità ta' preżentazzjoni (qattgħa, bukkett, kaxxa u affarijiet simili) iridu jikkonsistu f'5, 10 jew multipli ta' 10 biċċiet.

- (a) Iżda din ir-regola ma' tapplikax għal:
(b) fjuri li normalment jinbiegħu bil-waħda,

(ċ) fjuri li normalment jinbiegħu bil-waħda,

— fjuri li normalment jinbiegħu bl-użin, fjuri li għalihom ix-xerrej u l-bejjiegħ jaqblu espressament li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet dwar in-numru ta' fjuri f'unità ta' preżentazzjoni. Din id-deroga hija ammissibbli unikament għat-transazzjonijiet barra mis-swieq tal-bejgħ bl-ingrossa bil-kondizzjoni li

— l-oġġetti huma s-suġġett ta' bejgħ dirett, ibbażat fuq prezz ta' bejgħ fiss għal kull unità ta' preżentazzjoni, fil-livell ta' bejgħ bl-ingrossa lil bejjiegħ bl-immnut jew lil persuna li tkun qed taġixxi għall-bejjiegħ bl-immnut,

— l-oġġetti jkunu akkumpanjati minn kont, nota ta' konsenja jew dokument simili li juri l-prezz tal-bejgħ imsemmi hawn fuq, l-unità ta' preżentazzjoni tkun fl-ippakkjar mitlub mill-bejjiegħ għax-xerrej aħħari. Dan l-ippakkjar għandu jkun tali li jippermetti l-identifikazzjoni ta' l-oġġetti."

2. Dan li ġej għandu jiżdied mat-Taqsima VII ta' l-Anness I li jinsab mar-regolament (KEE) Nru 316/68:

"F. Preżentazzjoni

Jekk in-numru ta' fjuri għal kull unità ta' preżentazzjoni ma jaqbilx mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV A, l-ippakkjar irid ikun immarkat biex juri l-kompożizzjoni eżatta ta' l-unità ta' preżentazzjoni li jkunu jinsabu fihom."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' April 1971.

Għall-Kummissjoni
Franco M. MALFATTI
Il-President

⁽¹⁾ ĠU L 55, tat-2.3.1968, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 71, tal-21.3.1968, p. 8.